



Stejjer tal-Esportaturi

Col d'Orcia

Inbid Taljan li mistenni jħalli effett akbar fuq is-suq Ġappuniż

Col d'Orcia hija fabrika tal-inbid Taljana fit-Toscana. Il-vinja ta' 140 ettaru ilha tipproduċi l-inbid mill-1890.

Col d'Orcia hija l-aktar famuża għall-Brunello di Montalcino tagħha, u ilha tesporta l-inbid madwar id-dinja għal 45 sena billi approfittat mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE.



Mindu l-ftehim kummerċjali UE-Korea t'Isfel neħħa d-dazji doganali tal-Korea t'Isfel fuq l-inbid, Col d'Orcia żiedet l-esportazzjoni tagħha lejn il-pajjiż għal aktar minn 1500 flixkun fis-sena.

Hija ilha tesporta lejn il-Ġappun mid-disgħinijiet. L-isfidi ewlenin li taffaċċja huma t-tariffi u d-differenzi kulturali fir-rigward tal-konsum ta' nbejjed fini. Hija tippretendi li l-ftehim kummerċjali tal-UE mal-Ġappun jgħinha ssaħħaħ il-preżenza tad-ditta tagħha fis-suq Ġappuniż u żżid il-bejgħ bl-istess mod li l-ftehim UE-Korea t'Isfel għamel fil-Korea t'Isfel.

"Għal ħafna snin, il-Ġappun ilu suq importanti globalment għall-inbejjed Brunello di Montalcino u Col d'Orcia, li matul is-snin kibru flimkien mal-industrija Taljana tal-ikel."

Francesco Marone Cinzano

President, Col d'Orcia

www.coldorcia.com

Masaltos

Il-kumpanija taż-żraben Spanjola trid impronta akbar fil-Ġappun

Il-kumpanija taż-żraben Spanjola, ibbażata f'Sevilla ddaħħal kważi żewġ terzi mid-dħul tagħha minn bejgħ barrani, li minnu l-Ġappun jammonta għal 4%.

Masaltos tinsab ħerqana dwar il-ftehim kummerċjali UE-Ġappun minħabba li billi jaqta' l-kostijiet ta' esportazzjoni se jkun qed jgħin lill-kumpanija ssir aktar kompetittiva u żżid il-bejgħ f'wieħed mill-aktar swieq kompetittivi.

"Li tkun kapaċi tbigħ żraben magħmula bl-idejn, fil-Ġappun, hija sfida: il-lingwa, id-drawwiet, il-kummerċjalizzazzjoni u l-mod tal-bejgħ, kif ukoll id-disinn taż-żraben huma differenti."

F'termini ta' kummerċ internazzjonali l-isfida ewlenija hija l-kostijiet. Aħna nesportaw għal madwar 90 pajjiż, u l-Ġappun huwa wieħed mis-swieq bl-ogħla tariffi."

Nistgħu negħelbu dan minħabba li l-prodott tagħna huwa sarbun lussuż immirat għal klijentela b'kapaċità ta' akkwist għolja, iżda mhux il-prodotti kollha jistgħu jirnexxu fuq dak is-suq jekk kostijiet ta' esportazzjoni għolja bħal dawk ikollhom jingħaddu lill-konsumatur fil-prezz finali."





Antonio Fagundo

Direttur Eżekuttiv, Masaltos

<https://www.masaltos.com/en/>

Infineon Technologies Austria

Soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi għall-Ġappun, magħmula fl-Awstrija

Bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Villach, fl-istat ta' Carinthia, id-ditta tal-mikroelettroniki Infineon Austria hija negozju ewlieni fil-pajjiż.

L-effiċjenza fl-enerġija, il-mobilità u s-sigurtà huma tliet tendenzi kbar fis-soċjetà moderna. Huma wkoll l-isfidi ewlenin li Infineon tindirizza bis-semikondutturi u s-soluzzjonijiet tas-sistemi tagħha.

Minn karożżi sa smartphones, elettronika industrijali, karti ta' debitu u karti tal-identità; l-għarfien espert minn Infineon Austria jinsab f'ħafna applikazzjonijiet ta' kuljum.



Bejn l-2013 u l-2016, Infineon rat il-fatturat tagħha jiżdied minn EUR 377 miljun għal EUR 982 miljun. Is-sena l-oħra, in-negozju tagħha fil-Ġappun kien jammonta għal 6% tal-fatturat totali.

“kummerċ ħieles ġust tat-tip mogħti mill-ftegim UE-Ġappun jgħura u joħloq l-impjegi billi jsaħħaħ l-ekonomija domestika. Il-Ġappun huwa t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE fl-Asja wara ċ-Ċina, għalhekk huwa fundamentali li s-swieq li qed jikbru jkunu miftuħa għan-negozji tagħna u li

noħolqu l-aktar kundizzjonijiet possibbli għall-esportazzjonijiet u l-kummerċ.

Il-ftehim irraħhas ukoll il-prodotti għall-konsumaturi. Dan jgħina wkoll nikkompetu globalment, inkluż fil-mikroelettronika.

Fattur importanti ieħor fil-ftehim se jkun l-armonizzazzjoni u l-ittrattar tal-ostakli għall-kummerċ f'oqasma bħall-istandards, ir-regolamenti ta' sikurezza u l-akkwist pubbliku.”



Sabine Herlitschka

Kap Eżekuttiv, Infineon Technologies Austria AG

<https://www.infineon.com/cms/austria/en/>

Manufattura Bolesławiec

Produttur tal-fuħħar Pollakk tefa' ħarstu fuq is-suq Ġappuniż

Ftit snin ilu, il-produttur tal-fuħħar Manufattura fir-raħal tas-Silesja t'Isfel ta' Bolesławiec kien joħroġ il-pagi għal 10 min-nies biss. Iżda meta l-UE ffirmat ftehim kummerċjali mal-Korea t'Isfel, il-bejgħ tal-kumpanija lill-pajjiż sploda, u kien ta' spinta kbira.





Il-kumpanija kibret b'rittmu impressionanti, u espandiet il-forza tax-xogħol tagħha minn 10 għal 213 bi tweġiba għad-domanda dejjem tikber mill-Korea t'Isfel.

Aktar minn 20% tal-persunal ta' Manufattura jaħdem biss fuq fuħħar dirett lejn il-Korea t'Isfel.

"Qed nistennew bil-ħerqa l-ftehim kummerċjali mal-Ġappun.

Diga' esportajna hemmhekk, iżda s-suq huwa diffiċli minħabba li d-dazji huma għolja u jeħtieġ li jsiru ħafna testijiet. Fil-Ġappun, anke t-tqabbil tal-kuluri jrid jiġi ċċertifikat.

Il-Ġappuniżi huma ħerqana li jixtru l-prodotti ta' Manufattura u ninsab ċert li l-ftehim ta' sħubija ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun se jżid il-bejgħ tagħna, kif għamel il-ftehim mal-Korea t-Isfel."



Paweł Zwierz

Kap Eżekuttiv, Manufattura

<http://polish-pottery.com.pl/>

Katlenburger Winery

Inbejjed tal-frott Ġermaniżi, rebbieħ fil-pajjiż ta' tluġħ ix-xemx

Il-produttur tal-inbid tal-frott Katlenburger Winery jesporta 10% tal-produzzjoni tiegħu lejn 17-il pajjiż madwar id-dinja, inkluż il-Ġappun.

Il-kumpanija, imwaqqfa fl-1925 fis-Sassonja t'Isfel, il-Ġermanja, bdiet billi tipproduċi inbid frizzanti tat-tuffieħ. Minn dak iż-żmien, hija ddiversifikat u bdiet tagħmel inbejjed mill-lanġas, iċ-ċirasa, il-passolina u l-mirtill.

Illum, id-90 impjegat ta' Katlenburger jipproduċu 24 miljun flixkun inbid fis-sena, li jagħmilha l-akbar produttur ta' inbejjed tal-frott fl-Ewropa.



Il-konsumaturi Ġappuniżi jogħġobhom b'mod partikolari l-Multi Vita Vino, inbid magħmul minn 10 frottiet differenti. fl-2016, Katlenburger esportat 750,000 flixkun ta' inbid tal-frott lejn il-Ġappun, nofs l-ammont li bieġet ħames snin ilu. Katlenburger tgħid li l-kompetizzjoni inġusta u suq dejjem aktar sensitiv għall-prezzijiet għamlu l-esportazzjoni għall-Ġappun aktar diffiċli.

Id-dazji Ġappuniżi fuq il-prodotti ta' Katlenburger huma madwar 33 ċenteżmu tal-euro kull litru. Għalhekk Katlenburger se tibbenefika mit-tnaqqis fit-tariffi ppjanat fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun.



UE-Ġappun



FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA

“Negozji żgħar b’mod speċjali jiddependu fuq l-esportazzjoni minħabba li s-suq domestiku jkollu aktar sfidi u jiġi ddominat minn ditti akbar b’baġits ta’ reklamar kbar.”

Klaus Demuth

Kap Eżekuttiv, Katlenburger Kellerei GmbH & co. KG

<https://katlenburger.de/en/home/>

Herno

L-istorja ta’ mħabba Ġappuniża mal-kowtijiet u ġgieget Taljani mistennija tikber

Herno, il-kumpanija mmexxija minn familja, tipproduċi kowtijiet u ġgieget ta’ kwalità mill-bażi tagħha f’Lesa, Novara, fl-Italja ta’ Fuq. Filwaqt li timpjega 170 persuna, hija twaħħad stil u kwalità għolja ma’ produzzjoni ambjentalment sostenibbli.



Fl-2016, il-fatturat tal-bejgħ laħaq EUR 76 miljun, 10% żieda fuq l-2015. L-esportazzjonijiet kienu jammontaw għal aktar minn 60% tal-fatturat totali tal-kumpanija.

Herno diġà hija stabbilita sew fil-Ġappun. Hija fetthet l-ewwel ħanut tagħha fil-Ġappun fl-1971, f’Osaka. Fl-2017 qed tippjana li tiftaħ it-tieni ħanut ewlieni fid-distrett esklussiv f’Tokyo ta’ Ginza. Is-suq Ġappuniż jammonta għal aktar minn 15% tal-bejgħ ta’ Herno.



L-esportazzjonijiet ta’ l-bies Taljan lejn il-Ġappun huma storja ta’ suċċess. Fl-2016, dawn kienu jammontaw għal EUR 1 biljun, 7 % żieda fuq l-2015. Il-Ġappun huwa r-raba’ l-akbar suq ta’ esportazzjoni tal-industrija barra mil-Ewropa.

Il-konsumaturi Ġappuniżi japprezzaw l-istil Taljan u l-kwalità għolja li tiġi mill-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp tal-produtturi Taljani.

Iżda għad hemm ostakli għall-esportazzjoni. It-tariffi Ġappuniżi fuq il-ħwejjeġ huma sa 10 %. Barra minn hekk, il-Ġappun għandu l-istandards tiegħu stess għal tikketti ta’ kura, minflok juża dawk internazzjonali. Il-produzzjoni ta’ tikketti differenti għas-suq Ġappuniż iġġib magħha kostijiet żejda għall-esportaturi Ewropej.

Herno tittama li l-ftehim kummerċjali UE-Ġappun il-ġdid jgħin liż-żewġ naħat. Dan se jneħħi t-tariffi doganali Ġappuniżi għal kollox minnufih u l-Ġappun qabel li jallinja s-sistema ta’ tikkettar tiegħu ma’ standards internazzjonali. Dan se jnaqqas il-kostijiet tal-esportaturi tal-UE u jagħmilhom aktar kompetittivi.

Mhux se jkunu biss kumpaniji tal-ħwejjeġ bħal Herno u l-impjegati tagħhom li jibbenefikaw miinn dan. Aktar esportazzjonijiet t’fisser li l-kumpaniji li jipprovdu lil Herno bis-servizzi tagħhom, mill-loġistika għall-kontabilità, mistennija li jiġu kkompensati wkoll.

UE-Ġappun



FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA



"Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun il-ġdid huwa aħbar tajba għal kumpaniji bħal Herno. Billi jinqatgħu it-tariffi doganali u jiġu simplifikati l-istandards, se nkunu nistgħu niffrankaw il-ħin, ir-riżorsi u l-flus u ninvestuhom b'mod aktar produttiv. Dan se joħloq sitwazzjoni li fiha attur kompetittiv u innovattiv bħal Herno jista' jirnexxi u jesporta aktar."

Claudio Morenzi

Kap Eżekuttiv, Herno S.p.A.

<http://www.herno.it/index.php/en/menu>